KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 4 ta' Mejju 2011 (26.05)
(OR. en)

9511/1/11
REV 1

PUBLIC 30

**NOTA**

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL JANNAR 2011

Dan id-dokument jikkonsisti f'li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Jannar 2011[1] [2].
– ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjoni tagħha u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi l-informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

[2] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bağitarji speċifiċi, eċċ.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet ( http://consilium.europa.eu/ ) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

# LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
# F'JANNAR 2011

## It-3062 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fit-18 ta' Jannar 2011

*Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 38/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju definittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet tat-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja*
ĠU L 15, 20.1.2011, p. 1–4

*2011/118/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni*
ĠU L 52, 25.2.2011, p. 45–46

*2011/117/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi*
ĠU L 52, 25.2.2011, p. 33–33

*2011/37/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2007/884/KE li tawtorizza lir-Renju Unit biex ikompli japplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 169 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU L 19, 22.1.2011, p. 11–12

*2011/38/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 li tawtorizza lil Franza biex tapplika livelli differenti ta' tassazzjoni fuq fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE*
ĠU L 19, 22.1.2011, p. 13–14

*2011/52/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli*
ĠU L 25, 28.1.2011, p. 4–4

*2011/53/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura stabbilit permezz tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, fir-rigward tal-adattament tal-Anness 3 għall-Ftehim*
ĠU L 25, 28.1.2011, p. 5–7

*2011/51/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli*
ĠU L 25, 28.1.2011, p. 3–3

*Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra*
ĠU L 36, 10.2.2011, p. 1–2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar studju tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji għat-tul tal-ispejjeż tal-pensjonijiet*
18250/10

**Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-18 ta' Jannar 2011**

*Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE*
ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1–125

**It-3063 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell, 24 ta' Jannar 2011**

*Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali Test b'relevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1–10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Foresti*
5122/11 + COR 1 + COR 1 + REV 1(fi) + REV 1 COR 1 (fi)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2010 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Ir-riforma tas-suq taz-zokkor laħqet l-għanijiet prinċipali tagħha?"*
17991/10 + COR1 (de)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet"*
17990/10

**It-3064 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fil-31 ta' Jannar 2011**

*Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 Test b'relevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1–12

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni tad-Droga fl-Ewropa 2010*
5179/11

*Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 82/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' okoumé plywood li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'segwitu għal reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li jtemm reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 1–13

**It-3065 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fil-31 ta' Jannar 2011**

*Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija*
ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1–12

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu*
5890/11

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija*
5686/3/11 + REV 3 COR 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bjelorussja*
5809/11

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin*
5630/11 + REV 1 (cs)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Côte d'Ivoire*
5553/1/11 + REV 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan*
5552/1/11 + REV1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sahel*
5650/11

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu*
5820/11

*2011/82/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)*
ĠU L 32, 8.2.2011, p. 1–2

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/70/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 57–59

*Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 83/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 610/2010*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 14–16

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK*
5642/11

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-istatus tal-Ginea Ekwatorjali fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut*
*16430/10*

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/71/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 60–61

*Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 85/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 32–33

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, biex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti*
16382/10 + ADD1 COR 1 REV2

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/69/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 40–56

*Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 84/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja*
ĠU L 28, 2.2.2011, p. 17–31

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>JANNAR 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3063 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fl-24 ta' Jannar 2011**<br><br>Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali Test b'relevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 57/10 REV1 (hu) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjonijiet: DE, IT, AT |

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**

Il-Finlandja tikkonferma l-appoġġ sħiħ tagħha għall-objettivi tad-Direttiva mfassla mill-ġdid. Il-ġlieda kontra ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali hija importanti biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u biex tiġi promossa l-kompetittività tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs.

L-istħarriġ juri li l-awtoritajiet pubbliċi spiss iħallsu fatturi tard ħafna wara l-iskadenza tal-perijodu ta' ħlas applikabbli. Il-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi jwassal għal spejjeż mhux ġustifikati għall-intrapriżi privati u għal ineffiċjenza inġenerali.

Għalhekk, il-Finlandja hija tal-fehma li l-għan ewlieni tad-Direttiva mfassla mill-ġdid kellu jkun li jkun promoss il-ħlas f'waqtu mill-awtoritajiet pubbliċi. Sfortunatament, l-eżitu tan-negozjati jissodisfa dan l-għan b'mod parzjali biss.

Fir-regolamentazzjoni ta' transazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi privati, il-libertà kuntrattwali għandha titqies bħala prinċipju primarju. Il-Finlandja jiddispjaċiha li d-Direttiva mfassla mill-ġdid tinkludi dispożizzjonijiet li jirrestrinġu l-libertà kuntrattwali bejn intrapriżi li jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkisbu l-objettivi tad-Direttiva.

Id-dispożizzjoni fl-Artikolu 7(2) tista' tissemma bħala eżempju ta' tali restrizzjoni eċċessiva.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI JANNAR 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mil-Latvja**<br>Il-Latvja tikkondividi b'mod sħiħ l-objettiv tal-abbozz tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fit-transazzjonijiet kummerċjali biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern permezz tal-eliminazzjoni ta' ostakoli relatati ma' transazzjonijiet kummerċjali transkonfinali u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-negozji Ewropej, speċjalment tal-SMEs, għall-finanzjament.<br>Il-Latvja tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz tad-Direttiva. Madankollu, il-Latvja hija mħassba fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-dritt għall-intitolament għall-interessi u l-kumpens għall-ispejjeż tal-irkupru għall-kredituri. Għalkemm nappoġġaw fil-prinċipju t-tisħiħ tad-drittijiet tal-kredituri, aħna nikkunsidraw li għandhom jitqiesu d-drittijiet tad-debituri. Il-kreditur għandu jkun intitolat biss għad-dritt għall-kumpens jekk ikun ħa ċerti azzjonijiet biex jiġi rkuprat il-ħlas tard. Għalhekk, il-Latvja hija tal-opinjoni li d-drittijiet għall-kumpens għandhom jinkludu l-obbligu tal-kreditur biex jibgħat tfakkira.<br>Il-Latvja tixtieq tistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex terġa' tivvaluta d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-kuntest tar-rieżami previst fl-Artikolu 11. | | | |
| **It-3064 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fil-31 ta' Jannar 2011** | | | |
| Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 Test b'relevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 63/10<br>+ REV 1(ro)<br>+ REV 1 COR 1 (ro)<br>+ REV 2 (fi)<br>+ REV 3 (cs)<br>+ REV 4 (nl) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Kontra: DE<br>Astensjoni: IE |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 25**<br>Il-Kummissjoni tenfasizza li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri skont l-Artikolu 25 għandha tingħata biss f'terminals kif definit fl-Artikolu 3, punt (o), u, fejn applikabbli, fuq l-Internet minn trasportaturi u korpi għall-maniġġar ta' terminals. | | | |

<table>
<tr><th colspan="4">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>JANNAR 2011</th></tr>
<tr><th>TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV</th><th>TESTI ADOTTATI</th><th>REGOLA TAL-VOTAZZJONI</th><th>VOTI</th></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Ġermanja<br>Il-Ġermanja hija pjuttost favur l-istabbiliment tad-drittijiet tal-passiġġieri fuq servizzi ta' trasport fit-tul bix-xarabank u bil-kowċ fil-leġislazzjoni Ewropea.<br>Madankollu, il-Kummissjoni inkludiet ukoll is-servizzi lokali u reġjonali fil-proposta tagħha, mingħajr ma ppreżentat ebda valutazzjoni tal-impatt li tqis il-kondizzjonijiet f'dan ir-rigward.<br>L-eżitu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni, li inter alia testendi b'mod konsiderevoli d-drittijiet obbligatorji tal-passiġġieri li jużaw is-servizzi lokali u reġjonali, għalhekk għandu effett kbir fuq is-setgħat tal-Istati Membri li huma protetti mill-prinċipju tas-sussidjarjetà.<br>Il-Ġermanja jiddispjaċiha ħafna li għal din ir-raġuni ma tistax tapprova l-eżitu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni.</td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3062 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fit-18 ta' Jannar 2011** | |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 38/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju definittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet tat-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja<br>18160/10 | |
| 2011/118/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>15507/10 | |
| 2011/117/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi<br>11324/10 | |
| 2011/37/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2007/884/KE li tawtorizza lir-Renju Unit biex ikompli japplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 169 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>17507/10 | |
| 2011/38/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 li tawtorizza lil Franza biex tapplika livelli differenti ta' tassazzjoni fuq fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE<br>17877/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2011/52/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli<br>16207/10 | |
| 2011/53/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura stabbilit permezz tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, fir-rigward tal-adattament tal-Anness 3 għall-Ftehim<br>16270/10 | |
| 2011/51/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli<br>ĠU L 25, 28.1.2011, p. 3–3<br>16207/10 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra<br>17403/10 + COR 1 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar studju tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji għat-tul tal-ispejjeż tal-pensjonijiet<br>18250/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub ikkompletata fit-18 ta' Jannar 2011**<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE<br>17546/10 | |

**Dikjarazzjoni Konġunta mir-Renju Unit u l-Irlanda dwar il-Preferenzi tal-Aja**
"Ir-Renju Unit u l-Irlanda jikkunsidraw li l-Preferenza tal-Aja tikkostitwixxi parti integrali mill-istabbiltà relattiva, li tirrifletti l-ħtieġa għas-salvagwardja tal-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni fejn il-popolazzjonijiet lokali huma dipendenti b'mod speċjali fuq is-sajd u l-industriji relatati. Dan huwa speċifikament rikonoxxut fil-politika Komunitarja tas-sajd u kien stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 170/83 u r-Regolament tal-Kunsill Nru 3760/92. Dan ġie ddikjarat għal darb'oħra fir-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002."

**Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Preferenzi tal-Aja**
"Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni tal-kwoti għall-Istati Membri kienu finalment miftiehma fl-1983.
Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta’ stabbiltà relattiva."

**Dikjarazzjoni minn Spanja rigward il-merluzz tal-Artiku tal-ilmijiet Norveġiżi**
"Ir-Renju ta' Spanja huwa tal-fehma li r-reviżjoni tal-parametri u l-valur tal-iskambju man-Norveġja jeħtieġ li jkunu kkunsidrati mill-ġdid sabiex l-eżitu jkun bilanċjat aħjar. Bl-istess mod, għandu jiġi sottolinjat li l-aċċess Norveġiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea jibqa' relatat mal-impenji adottati fir-rigward tal-għoti tal-hekk imsejjaħ merluzz ta' koeżjoni lil Spanja, il-Portugall, l-Irlanda u l-Greċja, li kien wieħed mill-impenji għall-ftuħ tas-suq Komunitarju."

**Dikjarazzjoni minn Spanja rigward il-komponent tan-Nofsinhar tal-Istokkafixx**
"Ir-Renju ta' Spanja jqis li, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċjali tal-flotta tas-sajd tal-komponent tan-Nofsinhar tas-sajd għall-Istokkafixx, huwa adegwat li proposta futura li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għandha tiżgura l-preżervazzjoni ta' prattiki ta' sajd tradizzjonali, kif ukoll id-destinazzjoni tal-konsum mill-bniedem ta' dan is-sajd fil-komponent tiegħu tan-Nofsinhar, relatat mal-komponent soċjali u storiku tradizzjonali tiegħu u mhux mal-attivitajiet industrijali."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**Dikjarazzjoni minn Spanja rigward l-awwista tan-Norveġja fiż-żona VII (NEP/07)**
"Ir-Renju ta' Spanja jqis li l-qabdiet fil-Porcupine Bank, unità ta' ġestjoni 16 taż-żona VII (NEP/07U16; nota 1 f'qiegħ il-paġna) ma jirriflettux il-qabdiet storiċi tal-flotta Spanjola. Konsegwentement, huwa jitlob lill-Kummissjoni sabiex tittratta l-modifikazzjoni ta' din iċ-ċifra f'dan ir-Regolament tal-Kunsill mill-aktar fis possibbli biex tiġi kkoreġuta d-diskrepanza li tirriżulta mil-lakuna bejn il-qabdiet storiċi tagħha u l-qabdiet awtorizzati f'din l-unità 16."

**Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

**1. Dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd definittivi**
"Hekk kif ikun prattikabbli, il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta lill-Kunsill proposta biex jiġu ffissati l-opportunitajiet tas-sajd definittivi, fosthom opportunitajiet mhux allokati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u grupp ta' stokkijiet fir-Regolament TAC għall-2011, li huma s-suġġett ta' konsultazzjonijiet bilaterali dwar is-sajd mal-Gżejjer Faroe bil-għan li l-Kunsill jadotta l-att legali ikkonċernat mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011."

**2. Dwar ir-rimi min-Norveġja**
"Il-Kummissjoni ser tieħu l-passi meħtieġa biex tiġi implimentata l-kondizzjoni maqbula man-Norveġja dwar iż-żamma abbord ta' ħut taħt id-daqs maqbud minn bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi ta' sajd dokumentati b'mod sħiħ sabiex jiġi evitat ir-rimi. Il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà li tesplora l-possibbiltà li tiġġeneralizza dan l-approċċ għas-sajd kollu."

**3. Dwar is-sajd għall-pixxitrombetta**
"Il-Kummissjoni tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tieħu inizjattivi adegwati fil-bidu tal-2011 sabiex tistabbilixxi, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, daqs tal-malja adegwat għas-sajd immirat għall-pixxitrombetta bil-għan li l-qafas legali għal dan is-sajd jitlesta għall-2011."

**4. Dwar sajd ġdid u li qed jiżviluppa**
"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu stabbiliti linji gwida għall-istabbiliment u l-espansjoni ta' sajd ġdid u li qed jiżviluppa. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipproponi dawn il-linji gwida matul l-2011 fil-proċess tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd. Din il-proposta tista' tinkorpora l-ħtiġiet tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali qabel l-istabbiliment u l-espansjoni ta' sajd ġdid u li qed jiżviluppa, u ser tagħti kunsiderazzjoni dovuta lill-ħidma li saret fi ħdan il-FAO u n-NEAFC f'dan il-qasam."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**5. Dwar l-Għeluq għall-merluzz fiż-żona IIIa**

"Il-Kummissjoni tinnota li hemm ftit sinjali ta' titjib għall-istokk tal-merluzz f'Kattegat minkejja tnaqqis sostanzjali fit-TAC matul l-għaxar snin li għaddew. Il-Kummissjoni għalhekk tirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar miżuri biex jiġi protett l-istokk. Għal dan il-għan il-Kummissjoni ser titlob l-STECF jevalwa l-effettività tal-għeluq staġjonali għas-sajd kollu marbut mat-tkarkir, barra dak identifikat bħala li jaqbad kwantitajiet negliġibbli ta' merluzz, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April biex jiġi protett l-istokk reproduttiv. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tinkludi dawn id-dispożizzjonijiet fil-kuntest tar-reviżjoni tal-pjan għall-irkupru tal-merluzz."

**6. Dwar ir-Reviżjoni tal-pjan tal-merluzz**

"Il-Kummissjoni, filwaqt li tieħu nota tal-istat fqir li għadhom jinsabu fih l-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1342/2008 u n-nuqqas ta' evidenza ta' tnaqqis fir-rati tal-mortalità tal-ħut, ser twettaq reviżjoni tal-fatturi pertinenti kollha li jikkonċernaw is-sajd li jaqbad l-istokkijiet rilevanti tal-merluzz. Ir-reviżjoni ser tinkludi l-miżuri ffissati skont ir-Regolament imsemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni u l-effetti tagħhom, inklużi miżuri għat-tnaqqis tar-rimi u miżuri li jolqtu l-ġestjoni tal-merluzz deċiżi mill-Istati Membri kif ukoll l-applikazzjoni tal-limiti tal-isforz tas-sajd.

Ir-reviżjoni ser tkopri aspetti xjentifiċi u ta' kontroll u ser teħtieġ il-preżentazzjoni ta' data rilevanti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser titlob il-parir tal-STECF dwar ir-reviżjoni u ser tikkonsulta l-partijiet interessati permezz tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

Il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà li ssejjaħ konferenza biex jiġu diskussi s-sejbiet ta' dawn il-konsultazzjonijiet."

**7. Dwar l-Għeluq għall-merluzz fiż-żona VIa**

"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li jikkunsidraw restrizzjonijiet spazjali u temporali bil-għan li l-merluzz jiġi kkonservat għall-opportunitajiet ta' sajd għall-merluzz u l-ispeċi maqbud mal-merluzz f'żona definita mill-koordinati li ġejjin mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu:

7°00W 55°00N
6°00W 55°00N
6°00W 55°30N
7°00W 55°30N

Abbażi ta' evalwazzjonijiet mill-STECF, restrizzjonijiet simili jistgħu jiġu kkunsidrati bħala adegwati għall-fini tat-tnaqqis tal-mortalità tal-merluzz f'partijiet oħrajn taż-żoni VIa."

| ATTI OĦRAJN | Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi |
|---|---|

**8. Dwar il-kondizzjonijiet għall-qabdiet inċidentali**
"Il-Kummissjoni ser titlob parir xjentifiku lill-STECF dwar l-effetti li x'aktarx ikollha r-regolamentazzjoni tal-ħatt l-art permess tal-merluzz miż-żona VIa bħala proporzjon tal-ħatt l-art ta' speċi oħrajn (limitu tal-qabdiet inċidentali) bħala restrizzjoni skont il-każ jew ikkombinat ma' restrizzjoni tat-TAC. Abbażi tal-parir li jingħata l-Kummissjoni ser tagħmel proposti adegwati."

**9. Dwar l-isforz Spanjol**
"Grupp ta' bastimetni Spanjoli li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir biex jaqbdu l-marlozz fil-Punent tal-Iskozja huwa bħalissa eskluż mis-sistema tal-isforz tal-pjan tal-merluzz.
Dan il-grupp ser ikollu jiddaħħal mill-ġdid fis-sistema tal-isforz tal-pjan tal-merluzz jekk ma jkunx jista' jintwera li qed ikomplu jaqbdu inqas minn 1.5% ta' merluzz. Spanja tista' tuża l-opportunità biex tippreżenta data supplimentari dwar il-qabda fil-laqgħa plenarja tar-rebbiegħa tal-2011 tal-STECF sabiex tingħata prova li din il-kondizzjoni ġiet sodisfatta.
Fin-nuqqas ta' biżżejjed data supplimentari, il-Kunsill u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li jaraw minn qabel li l-grupp ta' bastimenti jiddaħħal mill-ġdid immedjatament, skont ir-regoli previsti għall-pjan tal-merluzz u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu."

**10. Dwar il-limiti tal-Isforz tal-Baħar Ċeltiku**
"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-parir mogħti mill-ICES u l-STECF dwar il-ħtieġa li tiġi evitata żieda fl-isforz għas-sajd għal kwalunkwe sajd fil-Baħar Ċeltiku. Għandu jsir aktar xogħol dwar din il-kwistjoni matul l-2011 fil-kuntest tar-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-Ilmijiet tal-Punent".

**11. Dwar il-limiti tal-isforzi u l-kwoti**
"Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati, ser issegwi l-iżvilupp tal-użu ta' kwoti u sforzi sabiex jiġi valutat kwalunkwe każ ta' referenzi ta' sforzi baxxi b'mod sproporzjonat b'rabta mas-sehem tal-kwoti tal-Istati Membri kkonċernati u jekk meħtieġ tindirizza kwalunkwe problema li tinqala' minn din il-valutazzjoni."

**12. Dwar il-haddock u l-merlangu fil-Baħar Ċeltiku**
"Il-Kummissjoni tinnota li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li japplikaw għażla aħjar tat-tagħmir tas-sajd fit-twettiq tas-sajd għall-haddock u l-merlangu fil-Baħar Ċeltiku."

**13. Dwar żoni tat-TAC għall-Awwista tan-Norveġja (Nephrops) fiż-Żona VII**
"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ħtieġa li jiġu esplorati aktar il-miżuri meħtieġa biex iwieġbu għall-parir mogħti mill-ICES u l-STECF dwar ix-xewqa li jiġu ġestiti unitajiet funzjonali individwali tan-Nephrops fiż-Żona VII. Għandu jsir aktar xogħol dwar din il-kwistjoni matul l-2011."

**14. Dwar il-kavalli**

"Il-kwota proposta għall-kavalli ser tiġi eżaminata mill-ġdid sabiex jiġi żgurat ir-rispett għall-istabbiltà relattiva u biex jiġi żgurat li kwalunkwe ħlas mill-Istati Membri fl-2011 jiġi ttrattat b'mod ġust tul id-distribuzzjoni tal-kwoti rispettivi tal-UE.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ser torganizza laqgħa teknika qabel il-31 ta' Jannar 2011 sabiex tistabbilixxi l-metodoloġija għal eżerċizzju bħal dan."

**15. Dwar il-Linwata fil-Kanal tal-Punent - sajd dokumentat b'mod sħiħ**

"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu dwar il-ħtieġa fl-2011 li jissorveljaw u jevalwaw mill-qrib l-inizjattiva dwar sajd dokumentat b'mod sħiħ għas-sajd tal-lingwata fil-Kanal tal-Punent u b'mod parikolari li jivvalutaw l-effett ta' dawn il-miżuri fuq it-tnaqqis tar-rimi tal-lingwata f'din iż-żona fuq il-bażi ta' data li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri kkonċernati."

**16. Dwar id-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-Gambli fiż-Żona NAFO 3M**

"Sabiex tiġi pprovduta ġestjoni koerenti fil-politika esterna tas-sajd, il-Kummissjoni tista', b'kont meħud tal-parir xjentifiku, tippreżenta lill-Kunsill, għall-fini tal-Laqgħa annwali tan-NAFO fl-2011, proposta għar-reviżjoni ta' miżuri ta' ġestjoni għall-gambli 3M, u tistabbilixxi li s-sajd għal dan l-istokk ser jerġa' jinfetaħ jekk il-parir xjentifiku jippermetti dan. Barra minn hekk il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal miżuri ta' ġestjoni fuq perijodu twil ta' żmien għal dan l-istokk hekk kif dan ikun prattikabbli."

**17. Dwar il-pjan tal-marlozz tan-Nofsinhar u n-Nephrops**

"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-reviżjoni tal-pjan ta' rkupru għall-marlozz tan-Nofsinhar u l-awwista tan-Norveġja fl-2011, jidher xieraq li tittejjeb is-sistema attwali tal-limitu tal-isforz tas-sajd biex jittieħed kont tal-impatt li t-tipi differenti ta' tagħmir għandhom fuq l-istokkijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni, b'kont meħud tal-istat fqir li għadu jinsab fih il-marlozz tan-Nofsinhar u n-nuqqas ta' evidenza ta' tnaqqis fir-rati tal-mortalità tal-ħut, ser tiffinalizza r-reviżjoni tal-fatturi pertinenti kollha li jikkonċernaw is-sajd li jaqbad il-marlozz tan-Nofsinhar. Ir-reviżjoni ser tinkludi l-miżuri ffissati skont il-Pjan ta' Rkupru għall-marlozz tan-Nofsinhar u n-Nephrops, l-implimentazzjoni tagħhom u l-kontribut tagħhom għat-titjib tal-istat tal-istokk."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**18. Dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan tal-kapaċità għas-sajd tat-Tonn (Anness IV)**
"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pjan ta' ġestjoni tal-UE għall-kapaċità tas-sajd kif jinsab fl-Anness IV, il-punt 4, it-tabelli A u B, għandu mnejn jiġi rivedut. Din ir-reviżjoni ser tieħu kont tal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali għall-kapaċità tas-sajd ippreżentati mill-Istati Membri, għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni lill-ICCAT fi Frar 2011.
Il-pjan ta' ġestjoni tal-UE fir-Regolament attwali għalhekk ser jiġi rivedut wara l-laqgħa intersessjonali tal-ICCAT li jmiss (Frar 2011) li matulha l-ICCAT ser tadotta formalment il-pjanijiet tal-kapaċità ppreżentati mill-partijiet kontraenti, fosthom l-UE."

**19. Dwar Liċenzji mogħtija lil bastimenti Venezwelani biex jistadu għas-snappers fil-Gujana Franċiża**
"Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni dalwaqt biħsiebha tippreżentalu proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova Dikjarazzjoni ta' Kunsens dwar l-aċċess ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela għaż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża (ekwivalenti għal ftehim internazzjonali u b'hekk teħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew). Din id-Dikjarazzjoni ta' Kunsens tal-Kunsill isservi ta' bażi legali għall-ħruġ ta' liċenzji għal dawn il-bastimenti. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jifhmu li, sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-provvista għall-industrija tal-ipproċessar tal-Gujana Franċiża, huwa importanti li l-bastimenti Venezwelani jkunu jistgħu jkomplu bl-attività tagħhom mill-bidu tas-sena 2011.

Għalhekk, il-liċenzji għandhom jinħarġu fuq bażi proviżorja, soġġett għat-tlestija tal-proċess ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar id-Dikjarazzjoni ta' Kunsens."

**20. Dwar il-politika dwar ir-rimi**
"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jirrikonoxxu li r-rimi ta' ħut huwa ħela ta' riżorsi naturali u huwa problema serja fis-sajd globali u Ewropew. Rimi mifrux jagħmel ħsara lill-ekosistemi marittimi u l-vijabbiltà finanzjarja tan-negozji tas-sajd u etikament mhuwiex mixtieq.
Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma impenjati biex inaqqsu r-rimi issa u taħt Politika Komuni tas-Sajd rifurmata. Huma jilqgħu azzjoni mill-Istati Membri u oħrajn u ser jaħdmu mill-qrib magħhom biex jittrattaw din il-problema, fosthom provi ta' sistemi ta' ġestjoni alternattivi, sajd dokumentat b'mod sħiħ jew ġestjoni permezz tal-isforz. Il-Kummissjoni u l-Kunsill jinsabu ħerqana li jaraw ir-riżultati ta' inizjattivi bħall-ġestjoni tal-kwota tal-qbid sabiex ikollhom valutazzjoni mill-STECF dwar l-effiċjenza tiegħu li jnaqqas ir-rimi u l-mortalità ġenerali ta' ħut."

| | |
|---|---|
| **It-3063 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell, 24 ta' Jannar 2011**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Foresti<br>5122/11 + COR 1 + COR 1 + REV 1(fi) + REV 1 COR 1 (fi) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2010 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Ir-riforma tas-suq taz-zokkor laħqet l-għanijiet prinċipali tagħha?"<br>17991/10 + COR1 (de)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet"<br>17990/10<br><br>**It-3064 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fil-31 ta' Jannar 2011**<br><br>Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 82/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' okoumé plywood li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'segwitu għal reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li jtemm reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>5087/11 + REV 1 (lt)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni tad-Droga fl-Ewropa 2010<br>5179/11<br><br>**It-3065 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fil-31 ta' Jannar 2011**<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija<br>5715/1/11 REV 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu<br>5890/11 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija<br>5686/3/11 + REV 3 COR 1 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bjelorussja<br>5809/11 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin<br>5630/11 + REV 1 (cs) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Côte d'Ivoire<br>5553/1/11 + REV 1 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan<br>5552/1/11 + REV1 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sahel<br>5650/11 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu<br>5820/11 | |
| 2011/82/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)<br>12818/10 + REV 1 (hu) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/70/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu<br>5447/11 + ADD 1<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 83/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 610/2010<br>5454/11 + ADD1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK<br>5642/11<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-istatus tal-Ginea Ekwatorjali fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut<br>16430/10<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/71/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire<br>5507/11<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 85/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire<br>5510/11 + ADD1 REV1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>JANNAR 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, biex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti<br>16382/10 + ADD1 COR 1 REV2<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 84/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja<br>5509/11 | |